MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1597/2001/1

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Billi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta’ Lulju 1990, fil-knisja parrokkjali ta’ l-Imqabba ;

Billi l-kontendenti ghandhom erbat itfal, D, E, F, G ahwa B, illi llum ghandhom ghaxar snin, tmien snin, hames snin u tlett snin rispettivament ;

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut ;

Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’ dan is-sens moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ April 2001 ;

Jghid l-istess konvenut ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti :-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, D, E, F, u G, ahwa B, tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti ;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici u ta’ uliedhom, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu ghall-bzonnijiet taghha u tat-tfal minuri fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li

l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tillikwida l-avvanzi u hlasijiet maghmula mill-attrici mill-gid parafernali taghha lill-istess konvenut zewgha u tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lill-attrici dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk l-ispejjez inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b' mod irrimedjabbli u hemm lok ghas-separazzjoni personali, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici billi l-istess attrici ilha snin tghix hajja adultera ma' diversi rgiel ohra, fosthom Philip Ellul, Ronald Zammit u Gianni Zammit. Dan huwa ukoll il-mertu tal-kawza principali ghal separazzjoni personali ntavolata minn C B, citazzjoni numru 865/01 NA. Inoltre l-konvenut jichad kategorikament li huwa rrenda ruhu hati ta' adulterju,

sevizzi, eccessi u ngurji gravi kif qieghed jigi allegat mill-attrici u fil-verita' l-fatti huma l-oppost ta' dak allegat minnha. Ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici. Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

Rat is-sentenza mghotija llum fil-kawza numru 865/01 fl-ismijiet inversi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta' separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut in bazi ghal artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 unikament imputabbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni. Min-naha tieghu l-konvenut jichad li ghandu xi tort ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet, u jattribwixxi dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici.

Illi din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza numru 865/01 fl-ismijiet inversi li titratta l-istess meritu, li li giet deciza llum.

Illi il-Qorti taghmel referenza ampja ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet kollha maghmula u raggjunti fis-sentenza precitata, u taddottahom fl-intiera taghhom b' mod li ghandhom jitqiesu ukoll bhala formanti parti mill-kawza odjerna.

Illi in bazi ghal konsiderazzjonijiet hemm maghmula l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut m' ghandux htija ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tal-partijiet.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet b’ effett mit-30 ta’ Dicembru 1996 ;

[2] tilqa’ it-tieni talba ;

[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens li tafda lill-attrici bil-kura u kustodja ta’ l-ulied komuni tal-partijiet, bid-dritt ta’ l-access favur il-konvenut kif deciz fis-sentenza precitata ;

[4] tichad ir-raba talba in kwantu diretta ghall-hlas ta’ manteniment favur l-attrici ; izda tilqaghha in kwantu ghall-hlas ta’ manteniment favur l-erba uliedhom fis-sens deciz fis-sentenza precitata ;

[5] tichad il-hames talba ;

[6] tilqa’ s-sitt talba fis-sens deciz fis-sentenza precitat ;

[7] tilqa’ s-seba’ talba fis-sens deciz fis-sentenza precitata ;

[8] tilqa’ it-tmien talba ; u inoltre tilqa’ t-talba ta’ l-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha ‘Zammit’.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------